**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Novembru, 2018

Rikors Nru : 307/18 AL

**AB**

***-vs-***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi r-rikorrent izzewweg lill-intimata fid-disgha u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija sebgha u tmenin (29.08.1987) fil-Knisja tas-Salib Imqaddes Floriana;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied illum it-tnejn maggorenni;

Illi l-partijiet ghandhom separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Camilleri tad-disgha ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (9.06.2009) annessa u mmarkata Dok. B;

Illi l-istess partijiet ilhom ghal aktar minn dawn l-ahhar 4 snin jghixu hajja kompletament independenti minn xulxin u m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi in oltre, l-partijiet ma ghandhom l-ebda pendenza bejniethom fir-rigward ta' manteniment;

Illi r-rikorrenti AB jixtieq jottjeni divorzju u li z-zwieg tal-partijiet jigi mahlul;

Illi l-partijiet jissodisfaw il-kriterji imposti mill-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta sabiex iz-zwieg taghhom jigi xolt;

Talab li l-intimata tghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna li z-zwieg kuntrattat bejn ir-rikorrenti u l-intimat nhar id-disgha u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija sebgha u tmenin (29.08.1987) jigi mahlul;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien iffissat minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha ikkonfermat :

1. Illi fl-ewwel lok jinghad li mhux kontestat li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Liza Camilleri nhar id-9 ta' Gunju 2009 u lanqas m'huwa kontestat li llum l-ulied huma adulti;

2. Illi l-esponenti tiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut bejn il-kontendenti u l-manteniment ghall-ulied illum huwa sorvolat stante li dawn huma adulti u indipendenti;

3. Illi madanakollu jinghad li bejn il-partijiet ghad hemm pendenza ta' krediti dovuti mir-rikorrent lill-martu skond paragrafu 14(i) tal-kuntratt ta' separazzjoni;

4. Illi finalment jigi sottomess ukoll illi l-Mara tixtieq izzomm kunjomha ta' mizzewga u cioe` B';

Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti f'dal-istadju a savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Lulju, 2018;

Rat illi Dr Sharon Mizzi Deguara ghall-intimata mhix qed toggezzjona ghad-divorzju;

Rat illi Dr Peter Fenech ghar-rikorrenti jiddikjara li l-klijent tieghu ipprometta ruhu li jivversa oltre l-ammonti mensili li diga qieghed ihallas skont il-kuntratt ta' separazzjoni, l-ammont ulterjuri ta' €6250 darba kull sena, pagabbli kull l-1 ta' Novembru ta' kull sena, bl-ewwel pagament isir fl-1 ta' Novembru 2018;

Rat ukoll illi Dr Sharon Mizzi Deguara ghall-intimata, fid-dawl ta' dan kollu, tirtira it-tielet premessa tar-risposta tal-intimata.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Gunju 2009 u ilhom ghal dawn l-ahhar 4 snin jghixu hajja kompletament independenti minn xulxin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.